# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 293

Kaz Nru 415

Fil-kwistjoni tax-xoghol

bejn

Nazzareno Harmsworth

u

Hilton Hotel International

dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta

Data: 5 ta' Frar, 1987

Chairman: Mr A.H. Camilleri

1 INTRODUZZJONI

1.1 Dan il-kaz gie mibghut quddiem it-Tribunal Industrijali mill-Ministru tax-Xoghol u Servizzi Socjali fit-2 ta' Ottubru, 1986 taht id-disposizzjonijiet ta' l-Artiklu 28(2) ta' l-Att XXX tal-1976. Dan il-kaz huwa dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta.

1.2 It-Tribunal zamm hames seduti qabel ma wasal biex jghati din id-decizjoni.

1.3 L-Appellant deher ghalih innifsu, fil-waqt li ghall-lukanda Hilton deheru is-Sur Francis Busuttil, Personnel/Rooms Division Manager, meghjun mis-Sur Joe Attard, Segretarju Generali tal-Employers' Association.

2 STATEMENTS OF CASE

2.1 Is-Sur Nazzareno Harmsworth, fl-istatement of case tieghu qal li dak li wassal ghat-temm tal-impieg tieghu kien li fis-6 ta' Jannar, 1986 ghal habta ta' nofs il-lejl, wara li kien spicca mix-xoghol kien mar biex jattendi staff party li kien qieghed isir fil-lukanda Hilton. F'hin wiehed waqt li kien qieghed jitkellem ma Miss Monica Buttigieg, is-Sur Francis Busuttil minn distanza ta' xi ghaxar piedi, beda jghaddilu rimarki mhux flokhom u b'vuci gholja li setgha anki jinstema minn ohrajn, qallu, "Lil Monica Buttigieg hallieha". Ma kienx hemm lok ghal din ir-rimarka ghax lill-Miss Buttigieg ma kienx qieghed iddejjaqha. Ghalhekk qallu li ma kien qieghed jaghmel xejn hazin u li fuq kollox din ma kinitx bicca tieghu. Hu kategorikament jichad l-akkuza tal-Management li f'xi hin kien aggressiv lejn xi impjegat waqt li kien qieghed jattendi il-party ta' l-istaff. Dan l-incident ma wassal ghall-ebda storbju jew glied jew inkwiet, u l-incident inqala' f'hin mhux tax-xoghol. Ukoll, il-post fejn kienet qieghedha issir l-okkazjoni socjali ma kien hemm ebda klijenti tal-lukanda.

.../2

2.2 Ghar-ragunijiet li ntcalu cabel, is-Sur Harmsworth ihoss li l-kumpanija temmitlu l-impieg ingustement.

3.1 Ghall-Hotel Hilton is-Sur Joe Attard fl-istatment of case tieghu qal illi fis-6 ta' Jannar, 1986 kellu isir party li l-kumpanija taghmel kull sena ghall-impjegati taghha. Din hi funzjoni ufficjali tal-kumpanija li issir fil-hotel stess u li ghaliha jattendu l-impjegati kollha.

3.2 Wara li dahal fil-party, Harmsworth deher jivvessa tfajla impjegata li kienet qieghedha tizfen ma haddiehor. Din it-tfajla deheret li ma riditx tizfen mieghu,u ppruvat twarrbu. Wara ftit, din it-tfajla marret u poggiet bil-qieghdha, u Harmsworth rega' mar warajha, u wara li din ma ridietx ikollha x'taqsam mieghu, Harmsworth deher jimbuttaha lura f'postha b'mod li izommha hemm kontra ir-riedha taghha. Hekk deher li kien se jinqala' l-inkwiet, u dan il-management ried li jevitawh.

3.3 Kien ghalhekk li s-Sur Busuttil akkumpanjat mis-Sur Marsh, qallu biex ma jaqlax inkwiet.

3.4 Flok li Harmsworth ta widen ghat-twissija tas-Superjur tieghu, dan qam u vjolentement ipprova jattaka lis-Sur Busuttil. Is-Sur Marsh kien promt dahal quddiem Harmsworth u dan uza vjolenza kontrieh ukoll billi imbuttah halli iwarrbu biex ikun jista' jilhaq is-Sur Busuttil. Hawnhekk intervenew impjegati ohra li kienu prezenti biex ijkkretew lil Harmsworth u johorguh il-barra mis-sala.

3.5 Izda xorki meta kien barra mis-sala u momentarjament kalm, Harmsworth lemah lis-Sur Busuttil mill-gdid fil-foyer fejn kien fuq xogholu u rega' ghal darba ohra ipprova jghamel ghalih.

IL-GRAVITA TAL-KAZ

3.6 Biex wiehed jifhem il-gravita ta' dan il-kaz, irid jikkonsidra illi:-

a) Harmsworth attakka vjolentement lis-Superjur tieghu meta dan kien qieghed jaghqdi dmiru.

b) Harmsworth agixxa hekk minghajr ebda provokazzjoni.

c) Harmsworth la kien xurban u anqas ma ghamel dan f'sahna ta' mument.

d) Il-ftehim kolletiv li jezisti fil-Malta Hilton u li bih kien marbut Harmsworth, jipprovdi fil-paragrafu 22(g) (6) li theddida ta' vjolenza hi konsiderata bhala kawza gusta

.../3

ghal sospensjoni immedjata u wara investigazzjoni ghat-tkeccija, minghajr il-bzonn ta' tlett warnings bil-miktub.

3.7 Il-kaz gie investigat fil-fond, u iggwidata mill-ligi kif riflessa fil-ftehim kollettiv, il-kumpanija sabet il-Harmsworth hati skond l-akkuza, u itterminatlu l-impieg tieghu.

4 XHIEDA

Instemghu dawn ix-xhieda:-

a) Francis Busuttil
b) Monica Buttigieg
c) Joe Gatt
d) George Galea
e) Saviour Dalli
f) Victor Cutajar
g) Raymond Giudice
h) Joe Hili
i) Charles Harmsworth
j) Vincent Marsh
k) Victor Bruno
l) Anthony Buttigieg de Piro

5 SOTTOMISJONIJIET FINALI

5.1 L-appellant, is-Sur N. Harmsworth, fis-sottomisjonijiet finali tieghu qal illi il-kumpanija agixxiet b'mod irresponsabbli billi, kontra il-ftehim kolettiv, din issottomettiet dokumenti ta' kazi ta' dixxiplina li kienu ilhom aktar minn hames snin u nofs li skadew, u li skond il-ftehim kollettiv kellhom jigu distrutti.

5.2 Ghal din ir-raguni, it-Tribunal ghandu jinjora ghal kollox dawn l-akkuzi.

5.3 Ghalkemm fid-disciplinary procedure saret referenza biss ghall-incident fil-ballroom, u li skond il-kumpanija kienet il- kawza ta' temm tal-impieg ta' Harmsworth, mill-istatement of case taghha, il-kumpanija ippruvat tonfoh l-incident, tant li sahansitra quddiem it-Tribunal il-kumpanija irreferiet bosta drabi ghall-ewwel parti u ghat-tieni parti tal-incident, meta skond l-att tal-akkuza kull ma deher kienet parti wahda biss tal-incident.

5.4 Kemm permess ta' l-istatement of case tal-kumpanija, kif ukoll permess tal-istess xhieda prodotti minnha, l-allegat reat ta' vjolenza qatt ma gie ippruvat.

5.5 Il-kumpanija qalet li se tressaq numru ta' xhieda biex jikkonfermaw u jippruvaw il-vjolenza uzata minn Harmsworth kontra is-Superjur tieghu, is-Sur F. Busuttil. Il-kumpanija, b'dana kollu naqqset li tipprova li l-appellant uza xi vjolenza bhal ma gie allegat fuq is-Superjur tieghu.

5.6 Ikun opportun li wiehed jistaqsi jekk is-Sur Busuttil agixxiex kif agixxa ghax hassu li kien dover tieghu jew ghax forsi kien motivat minn interessi personali tieghu biex ipaxxi l-attrazzjoni li kellu lejn Miss Buttigieg.

5.7 Mix-xhieda ta' Miss Buttigieg hareg li Harmsworth ma kienx qieghed jivvessaha u l-anqas ma pruvat twarrbu kif qalet il-kumpanija.

5.8 Il-kumpanija ma tatx l-appellant ic-cans li habib tieghu jidher quddiem il-kumpanija biex jaqbez ghalih.

5.9 Fl-istatement of case taghha, il-kumpanija qalet li investigat il-kaz fil-fond, ma ghagglitx fid-decizjoni taghha, u li l-appellant inghata il-facilitajiet kollha biex jiddefendi ruhu, inkluz li jkollu l-assistenza tas-Sur Spiteri. Bejn dak li qalet il-kumpanija u bejn dak li fil-fatt sar u li irrizulta quddiem it-Tribunal hemm bahar x'jaqsam.

5.10 Fil-waqt li l-kumpanija ma ippruvatx sodisfacentement li it-tkeccija tal-appellant kienet ghall-kawza gusta, l-appellant ihossu li irnexxielu mill-ahjar li seta' juri kemm imxiet skorret u mghaggla il-kumpanija fil-konfront tieghu.

6.1 <u>Is-Sur Joe Attard ghal Hilton Hotel</u> issottometta illi tul il-procedementi ta' dan il-kaz, il-kumpanija ippruvat permezz ta' xhieda u argumenti li Harmsworth waqt party li kien qieghed isir fil-Hotel:-

6.2 i) Ipprova jahbat ghas-Sur F. Busuttil, Rooms Division u Personnel Manager waqt li kien qieghed jaqdi dmiru;

ii) Li ippersista fl-agir illegali tieghu billi wara li twarrab mill-Ballroom fejn sar dan l-ewwel attentat, hu raga ghat-tieni darba ipprova jahbat ghall-istess superjur fil-Foyer tal-hotel.

6.3 Tant li min-naha taghha l-kumpanija kienet mhux biss kostretta tagixxi kif aggixiet, imma li kienet tkun tonqos mill-obbligi taghha preskritti kemm min l-istess Ftehim Kollettiv u anke mir-regoli imposti fuqha mill-awtoritajiet ta' Hilton International, kieku ma hadetx dan il-pass.

.../5

6.4 Is-semplicita tal-kaz imbaghad tkompli tregi/wkoll minn l-istess difiza tal-appellant li mhux qieghed jissottometti xi ragunijiet jew argumenti biex jiskolpa ruhu mill-agir tieghu, izda qieghed jghid li l-kaz ma sarx. Jigifieri li qieghed jghid li hu ma ippruvax jahbat ghas-Sur Busuttil; la fl-ewwel cirkostanza fil-Ballroom, u anqas fit-tieni wahda fil-Foyer.

6.5 Il-kumpanija tissottometti li ix-xhieda mtella' minnha ippruvaw minghajr ebda dubju li Harmsworth ipprova jahbat ghal Busuttil minghajr ebda provokazzjoni jew gustifikazzjoni, u li dan ir-reat wahdu kien jikkostitwixxi raguni sufficjenti skond il-Ftehim Kollettiv biex jigi itterminat l-impieg ta' Harmsworth.

6.6 L-istatus ta' Hilton International hu maghruf bizzejjed. Hi azjenda kbira mxerrda mad-dinja b'numru ta' hotels li dik ta' Malta hi wahda minnhom. Hi azjenda mibnija fuq servizz u regulamenti stretti li ma jhallux lok ghal xi laxkezza. Fost dawn ir-regulamenti hemm il-Kodici ta' dixxiplina li huma imposti fuq l-impjegati taghha, mill-kbir saz-zghir, u li l-General Manager hu mghobbi b'responsabilita kbira li jara li jsegwihom bla ebda distinzjoni bejn dak u l-iehor. Anke l-istess trade union li hi konnoxuta fil-hotel tifhmu dan, tant li qablet li fil-Ftehim Kollettiv taht il-proceduri ta' dixxiplina kellha tidhol il-klawsola 22(g) li tispecifika lista ta' nuqqasijiet serji li meta impjegat jonqos fihom ma jkunx suggett ghal proceduri normali ta' dixxiplina, imma jirrendi ruhu suggett ghall-tkeccija bla ma jkollu bzonn ta' twissijiet ohra qabel. L-offiza li ikkommetta Harmsworth, jigifieri li ittanta jaghmel att ta' vjolenza hi wahda mill-offizi specifikati f'din il-lista. Anzi f'dan il-kaz hi aggravata mill-fatt li l-persuna kontra min ittanta vjolenza kienet superjur tieghu u dan waqt li kien qed jaqdi dmiru. Kieku l-appellant ma giex imkecci wara li kien ikkommetta din l-offiza, kieku kien jispicca s-sens ta' kontroll u dixxiplina fil-Hilton Hotel, b'detriment ovvju ghall-impjegati l-ohra taghha, w eventwalment anke ghall-ekonomija nazzjonali.

6.7 Izda anke jekk l-offizi saru quddiem l-impjegati l-ohra tal-hotel (u dan ikompli jaggravahom) u anke taht ghajnejn il-General Manager, dan mexa b'mod gust ghax qabel ma wasal ghad-decizjoni ta' tkeccija ghamel l-investigazzjonijiet mehtiega, kif dehru fil-procedimenti ta' dan il-kaz. Harmsworth gie moghti charge sheet

bl-atti ta' akkuza u gie moghti c-cans li jiddefendi lilu nnifsu, liema difiza kif diga intqal kienet li hu ma ghamel xejn minn dak li gie akkuzat bieh. U dan Harmsworth qalu lill-General Manager li kien prezenti u ra l-ewwel incident li gara fil-Ballroom. Ghalkemm it-tieni incident ma rahx, imma kif xehed hu kien ra lil Harmsworth xi siegha wara ghadu mberren u agitat minn dak kollu li kien gara. Kien wara li semgha kollox u ikkunsidra r-rizultat tal-investigazzjoni li l-General Manager wasal ghad-decizjoni li japplika dak li hu impost fil-Ftehim Kollettiv, u ittermina l-impieg ta' Harmsworth.

6.8 Il-kumpanija ghalhekk tissottometti bir-rispett li gie ippruvat:

a) Li fis-6 ta' Jannar, 1986, Nazareno Harmsworth ipprova jahbat bi vjolenza ghal Francis Busuttil, Rooms Division u Personnel Manager, waqt li dan kien qieghed jaqdi d-doveri tieghu;

b) Li wara li gie mizmum, Harmsworth raga ghat-tieni darba f'hin wara u f'post differenti ipprova mill-gdid jahbat ghall-istess superjur tieghu;

c) Li fiz-zewg okkazjonijiet Harmsworth kien zgur jattakka fisikament lil Francis Busuttil kieku ma giex mizmum milli jaghmel dan minn shabu b'diffikulta. U liema agir kien zgur iqajjem problemi u diffikultajiet serji lill-hotel u l-impjegati taghha;

d) Offiza bhal din hi specifikament kontemplata fil-Ftehim Kollettiv li timmerita t-terminazzjoni ta' l-impieg.

6.9 Ghalhekk il-kumpanija finalment tissottometti li t-terminazzjoni tal-impieg ta' Nazareno Harmsworth saret ghal ragunijiet tajba u skond il-ligi.

## 7. KUNSIDERAZZJONIJIET TAT-TRIBUNAL

7.1 It-Tribunal wara li studja bir-reqqa l-istatements of case u l-final submissions taz-zewg nahat, kif ukoll ezamina d-dokumenti esebiti u sema' x-xhieda kollha prodotti inkluza dik tal-appellant, wasal ghal dawn il-kunsiderazzjonijiet.

7.2 Nibda biex nghid li l-Kumpanija ma' ghamlitx sew meta

.../7

sottometiet dokumenti ta' kazi ta' dixxiplina li kien ilhom aktar minn hames snin li skadew u li skond il-Ftehim Kollettiv dawn kellhom jigu distrutti. Naturalment it-Tribunal injora totalment dawn id-dokumenti.

8.2 Minn naha l-ohra t-Tribunal ma setghax ma jghatix importanza il-fatt li dan il-kaz ta' nuqqas ta' dixxiplina gara gewwa wiehed mill-Hotels prominenti ta' gziritna. Il-Hilton International hi azjenda kbira mxerrda mad-dinja b'rumru ta' hotels. Hi azjenda mibnija fuq servizz u regulamenti stretti li ma jhallux lok ghal xi laxkezza. Fost dawn ir-regulamenti hemm il-kodici ta' dixxiplina li huma imposti fuq l-impjegati kollha.

8.3 Fil-Ftehim Kollettiv kellha tidhol klawsola li tispecifika lista ta' nuqqasijiet serji li meta impjegat jonqos fihom ma jkunx suggett ghall-proceduri normali ta' dixxiplina, imma jirrendi ruhu suggett ghal tkeccija bla ma jkollu bzonn ta' twissijiet ohra qabel.

8.4 L-offiza li ghamel Harmsworth, jigifieri li ittanta jaghmel att ta' vjolenza, hi wahda mill-offizi specifikati f'din il-lista, specjalment li l-offiza saret fuq superjur tieghu.

8.5 Kieku l-appellant ma giex imkecci wara li ikkometta din l-offiza, kieku kien jonqos sew is-sens ta' kontroll u dixxiplina li tippretendi minn hotel bhall-Hilton.

8.6 Mix-xhieda li nstemghet gie pruvat li Harmsworth, waqt party ufficjali tal-kumpanija fil-Malta Hilton, ipprova jahbat ghas-Sur F. Busuttil, Personnel Manager, waqt li dan kien qieghed jaqdi dmiru.

8.7 Huwa ippersista fl-agir tieghu billi wara li twarrab mill-ballroom fejn sar l-ewwel attentat, hu raga ghat-tieni darba ipprova jahbat ghalih.

8.8 Ma giex ippruvat li s-Sur Busuttil b'xi mod ipprovokah.

8.9 Harmsworth gie mghoti l-facilita li jiddefendi ruhu u li jtella habib tieghu, is-Sur Spiteri, biex jghinu u jiddefendih. Dawn ma marrux it-tnejn flimkien ghand il-General Manager ghax naqsu li jghamlu dan; hadd ma zammhom.

8.10 L-affidavit li ghamel is-Sur Spiteri ma tefa' l-ebda dawl gdid fuq il-kaz.

9 <u>DECIZJONI</u>

9.1 In vista tal-kunsiderazzjonijiet li nghataw aktar il-fuq, it-Tribunal ma jistghax isib favur l-appellant u jaqbel li it-terminazzjoni tal-impieg ta' Nazzareno Harmsworth minn mal-lukanda Hilton International saret ghal ragunijiet tajba u skond il-ligi.

Ghall-fini tal-Artiklu 31A tal-Att Nru XXX tal-1976 dwar Relazzjonijiet Industrijali u skond it-tariffa li tinstab fir-Regolamenti tal-1986 dwar drittijiet li jithallsu (AL. 48 tal-1986) it-Tribunal qieghed jintaxxa id-drittijiet tal-persuna li dehret ghal kull wahda mill-partijiet fis-somma ta' <u>LM 40</u>.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

A.H. CAMILLERI
Chairman

EDWARD D'AGOSTINO
Segretarju
Tribunal Industrijali

Data: 5 ta' Frar, 1987

dm